MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-13 ta' Settembru, 2010

Numru. 702/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa`]**

**vs**

**Paul Muscat**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Paul Muscat detentur tal-karta tal-identita` numru 134166(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-13 ta' Ottubru 2009, jew fil-jiem ta' qabel:
Ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamlu

dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz, u cioe` certifikat tal-VRT falz; u

Kif ukoll talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, bhala operaturi jew persuni li kellhom licenzja biex jittestjaw, hargu certifikat li kien juri li l-vettura ghaddiet mit-test meta l-istess vettura ma kenitx giet ittestjata.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u d-dokumenti prodotti mill-prosekuzzjoni;

Rat l-ezami tal-imputat fejn irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u kkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Rat il-kondotta tal-imputat li hija netta u illi huwa kkorabora mal-prosekuzzjoni u hekk ser jibqa' jaghmel u illi r-rwol tieghu fil-kwistjoni kien wiehed minimu ghall-ahhar; u

Ghal dawn il-motivi;
U wara li rat l-Artikoli 188 u 42 (a)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Reg 25(b) SL 65.15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Paul Muscat hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------